MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 472/2010

**Appell Numru: 472/2010DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo (Charles) Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo (Charles) Farrugia talli fil-kwalita` tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` IFIX Trade Limited (C 38861), b'indirizz registrat 36/2, Manol Mansion, De Paule Avenue, Balzan, Malta u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta` sabiex thallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas pagi dovuti ghall-perijodu bejn it-30 ta' April 2009 sal-31 ta' Mejju 2009 li jammontaw ghal €1,017.45, naqas li jhallas il-*vacation*

*leave* ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sa l-4 ta' Gunju 2009 li jammonta ghal €23.48, naqas li jhallas l-bonus statutorju ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sa l-4 ta' Gunju 2009 li jammonta ghal €114.70, naqas li jhallas l-*weekly allowance* ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sa l-4 ta' Gunju 2009 li jammonta ghal €41.94, u naqas li jhallas in-*notice* ghall-perijodu bejn il-5 ta' Gunju 2009 sat-3 ta' Lulju 2009 li jammonta ghal €939.20 li b'kollox jammontaw ghal elfejn, mija sitta u tletin euro u sebgha u sebghin centezmu (€2,136.77) li kienu dovuti lil ex-impjegat tas-socjeta` hawn fuq imsemmija, u cioe` lil Matthew Meli fl-4 ta' Gunju 2009 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba tordna li l-imsemmi Carmelo (Charles) Farrugia jhallas il-penali skond il-ligi, kif ukoll li, ai termini ta' l-artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas lill-imsemmi Matthew Meli l-ammont ta' elfejn, mija sitta u tletin euro u sebgha u sebghin centezmu (€2,136.77);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx sabet lill-imsemmi Carmelo (Charles) Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u lliberatu mill-istess;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-8 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imputat appellat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-piena u l-konsegwenzi idoneji kollha skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-imsemmi Carmelo (Charles) Farrugia esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xiehda ta' l-appellat;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu dwar il-mod kif l-ewwel Qorti ddecidiet il-kaz a bazi ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:

**“Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta’ persuni, kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta’ dik is-socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta’ persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f’xi kariga tali titqies li tkun hatja ta’ dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.”**

L-appellant josserva illi dan l-artikolu jipprovdi test doppju li jrid jigi pruvat sal-grad tal-probabbli mill-persuna imputata sabiex titqies mhux hatja tar-reat kontestat, u cioe`: (1) li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha; u (2) kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat. Imbaghad ikompli jissottometti l-appellant:

“F’dan il-kaz jidher li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet sodisfatta li mill-provi prodotti, il-persuna involuta kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat. Biss fis-sentenza taghha dik il-Qorti ma semmiet xejn fir-rigward tal-ewwel cirkostanza li trid tipprova l-persuna koncernata biex tezonera ruhha mir-responsabbilta` penali taghha taht din il-ligi.

“Mill-kumpless tal-provi quddiem dik il-Qorti (ghalkemm mhux traskritti) jirrizulta wkoll li l-imputat appellat kien ukoll jaf li r-reat kien sehh, u kien ukoll jaf bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija precedentement, u minkejja l-isforzi, anke jekk genwini, li huwa seta’ ghamel, dan l-impjegat spicca biex xorta ma thallasx dak li legalment kien dovut lilu.

“Bid-dovut rigward, kif inhi formulata l-ligi Maltija in materja, tippreskrivi mhux biss it-test tad-diligenza kollha xierqa da parti tal-persuna involuta, izda kumulattivament ukoll tehtieg it-test tan-nuqqas t’gharfien tal-kommissjoni tar-reat da parti ta’ din l-istess persuna. B’hekk jekk wiehed minn dawn it-testijiet biss ikun sodisfatt, u jkun pruvat sal-grad rikjest mil-ligi, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma tistax tqisx lill-persuna imputata mhux hatja tar-reat kontestat lilha.

“Konsegwentement, stante li f’dan il-kaz, it-test tan-nuqqas tal-gharfien tal-persuna koncernata ma giex sodisfatt, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setghetx tapplika u tinterpreta l-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-mod kif ghamlet u li bih, konsegwentement, illiberat lill-imputat appellat mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.”

L-ewwelnett ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni da parti ta’ l-appellat dwar li Matthew Meli kien impjegat tas-socjeta` IFIX TRADE LTD u dwar li l-ammont dovut lilu huwa ta’ elfejn, mija sitta u tletin euro u sebgha u sebghin centezmu (€2,136.77). Il-kwistjoni kollha hi biss jekk giex sodisfatt it-test doppju previst mill-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fatt, kif korrettement jissottometti l-Avukat Generali, biex l-appellat jehles mir-responsabbilta` penali jrid jipprova mhux biss li “ezercita d-diligenza rikjesta mil-ligi sabiex ir-reat addebitat lilu ma jsehhx” – bhalma qalet l-ewwel Qorti – izda anke li r-reat sar minghajr it-taghrif tieghu.

Mix-xiehda ta’ l-appellat huwa evidenti li huwa ezercita d-diligenza mehtiega sabiex l-impjegati jithallsu. Difatti saru anke pagamenti ghax-xahar ta’ April lill-impjegati – min sa l-ahhar ta’ April, bhal f’dan il-kaz, u min sa l-20 ta’ April. Barra minn hekk mix-xiehda tieghu jirrizulta wkoll illi huwa kellu l-fondi mehtiega biex isiru l-pagamenti lill-impjegati izda stante illi kellu jaghti bidu ghall-proceduri ta’ stralc, inghata l-parir li l-fondi jigu mghoddija lill-amministratur provvizorju sabiex ikun jista’ jiehu hsieb hu. Jirrizulta li dawn il-proceduri kellhom jigu inizjati minhabba li s-sidien barranin iddecidew li jaghlqu l-kumpanija u ghalhekk

hallewha sprovvista minn merkanzija u fondi; anzi l-merkanzija li kien ghad baqa' sahansitra riduha lura. F'dawn ic-cirkostanzi, u hekk kif l-appellat gie nfurmat li ma kinux se jinbieghu x-*shares*, ma kellux triq ohra hlief li jinizja l-proceduri msemmija biex jissalvagwardja kemm jista' l-kredituri tal-kumpanija. Fic-cirkostanzi rizultanti ghalhekk, ma jistax lanqas jinghad li sar reat bit-taghrif tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------